MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 475/2003/1

**Laferla Insurance Agency Limited**

**v.**

**Citadel Insurance p.l.c**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

Fl-4 ta' Dicembru, 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija billi tat sentenza preliminari fejn qalet hekk:

"F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qegħda tfittex illi tħassar stipulazzjonijiet fi ftehim ta' aġenzija bejnha u s-soċjetà konvenuta għax qegħda tgħid illi l-kunsens tagħha għal dawk l-istipulazzjonijiet inkiseb b'qerq tal-konvenuta u għax dak li tniżżel bil-miktub ma jaqbilx ma' dak li tassew ftehmu l-partijiet.
"Din is-sentenza tal-lum hija dwar żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta li jgħidu illi:

"1. l-azzjoni tas-soċjetà attriċi waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-Art. 1222 tal-Kodiċi Ċivili; u

"2. is-soċjetà attriċi ma għandhiex interess ġuridiku fit-talbiet minnha magħmula.

"B'digriet tat-22 ta' April 2004[1] il-Qorti stiednet lill-konvenuta tfisser aħjar it-tieni eċċezzjoni tagħha (dwar nuqqas ta' interess) u stiednet lill-attriċi tagħmel l-osservazzjonijet tagħha dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet.

"Il-konvenuta fissret it-tieni eċċezzjoni b'nota tal-15 ta' Ġunju 2004[2]; l-attriċi wkoll, wara illi l-Qorti kellha tfakkarha b'digrieti tat-13 ta'Ottubru 2004[3], tas-6 ta' Ġunju 2005[4], tal-11 ta' Novembru 2005[5], u tad-19 ta' Jannar 2006[6], eventwalment għamlet is-sottomissjonijiet tagħha dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet fit-28 ta' Frar 2006[7]. Wara li, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2006[8], il-Qorti semgħet lill-avukati tal-partijiet jagħmlu sottomissjonijiet orali, il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet.

"Inqisu l-ewwel l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-Art. 1222 tal-Kodiċi Ċivili:

---

1 *Fol*. 276.

2 *Fol*. 296.

3 *Fol*. 333.

4 *Fol*. 334.

5 *Fol*. 335.

6 *Fol*. 336.

7 *Foll*. 337 *et seqq*.

8 *Fol*. 343.

"1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien iqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn.

"(2) Dan jgħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.

"Il-fatti, safejn huma relevanti għall-għanijiet ta' din is-sentenza tal-lum, seħħew hekk:

"Is-soċjetà konvenuta hija soċjetà ta' assigurazzjoni u s-soċjetà attriċi hija aġent ta' assigurazzjoni, it-tnejn awtorizzati taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assikurazzjoni [Kap. 403]. F'Novembru ta' l-2000 il-partijiet kienu qegħdin jinnegozjaw ftehim biex l-attriċi ssir aġent tal-konvenuta.

"L-attriċi tgħid illi ntlaħaq ftehim fil-prinċipju u l-konvenuta kellha tieħu ħsieb illi tħejji abbozz biex il-ftehim jitniżżel bil-miktub. Dan kien meħtieġ ukoll għax, biex il-ftehim jibda jseħħ, kellu jinkiseb il-permess ta' l-awtoritajiet. Ġara illi l-konvenuta ħalliet għall-aħħar u l-abbozz tlesta ftit sigħat biss qabel ma l-ftehim iffirmat kellu jingħata lill-awtoritajiet. Meta r-rappreżentanti ta' l-attriċi raw l-abbozz mill-ewwel intebħu illi ma kienx jaqbel ma' dak li kienu tassew ftehmu l-partijiet. Billi iżda kien hemm pressjoni ta' ħin – għax l-attriċi riedet tikseb il-permess ta' l-awtoritajiet fi żmien utli biex tkun tista' taħdem f'Jannar ta' l-2001 – ir-rappreżentanti ta' l-attriċi iffirmaw l-abbozz kif kien – għalkemm iffirmaw biss fuq l-aħħar faċċata – bil-patt illi, wara, il-partijiet kellhom jerġgħu jduru l-kuntratt biex jibdlu dawk il-partijiet li ma kinux jaqblu mal-ftehim. Dan kien fil-15 ta' Diċembru 2000.

"Is-soċjetà attriċi tkompli tgħid illi, wara, meta fuq insistenza tagħha l-partijiet bdew jiltaqgħu biex jiddiskutu t-tibdiliet li kellhom isiru fil-ftehim, beda jidher illi l-konvenuta ma kellhiex ir-rieda li tasal għal ftehim fuq it-tibdiliet u riedet illi l-ftehim jibqa' jseħħ skond il-kitba tal-15

ta’ Diċembru 2000, ħlief għal xi tibdiliet żgħar. Għalhekk saret il-kawża.

“Is-soċjetà attriċi tgħid illi kien fid-9 ta’ Ottubru 2001 illi ntebħet illi l-konvenuta ma kienitx disposta illi temenda l-kitba tal-15 ta’ Diċembru 2000, u illi għalhekk il-preskrizzjoni kellha tibda tgħaddi mid-9 ta’ Ottubru 2001, kif irid l-Art. 1223(1) tal-Kodiċi Ċivili:

“1223. (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta’ vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta’ żball, ta’ għemil doluż, jew ta’ kawża falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett.

“Is-soċjetà attriċi tkompli tgħid, fis-seba’ paragrafu tan-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha tat-28 ta’ Frar 2006, illi:

“… … … il-bażi ta’ l-azzjoni odjerna ma hiex il-frodi, l-iżball jew il-vjolenza tal-kontro-parti. Skond ma ġie riferit lill-esponent minn Joseph Tabone, is-soċjetà konvenuta ma laħqetx ippreparat il-ftehim bil-mod miftiehem minnħabba l-pressjoni taż-żmien. Għalhekk ġara illi ġiet ippreparata u iffirmata skrittura illi ma kienitx tikkorrispondi ma’ dak stipulat mill-partijiet. L-azzjoni ma hiex dik kontemplata mill-artikolu invokat fl-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u għalhekk għandu jitqies dixxiplinat mid-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili illi jistabilixxi perjodu preskrittiv ta’ ħames snin.[9]”

“Din is-sottomissjoni ta’ l-attriċi, illi l-azzjoni tagħha ma hijiex mibnija fuq allegazzjoni ta’ qerq, hija kontradetta mill-kliem kemm tal-premessi fiċ-ċitazzjoni kif ukoll tat-tieni talba, fejn il-Qorti hija mitluba tgħid illi l-firem tar-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi fuq il-kitba tal-15 ta’ Diċembru 2000 “ġew miksuba u indotti bil-qerq u frodi da parti tas-soċjetà konvenuta”.

“Il-preskrizzjoni relevanti għalhekk hija dik ta’ sentejn taħt l-Art. 1222 tal-Kodiċi Ċivili, u nistgħu issa ngħaddu biex

---

[9] *Fol.* 338.

inqisu liema kien id-dies a quo għall-għanijet ta' dik il-preskrizzjoni.

"Jekk tassew kien hemm qerq dan seħħ fil-15 ta' Diċembru 2000, meta, ftit sigħat qabel ma kellu jagħlaq il-ħin, il-konvenuta ippreżentat abbozz li ma kienx jaqbel mal-ftehim, bit-tama illi l-attriċi tiffirmah – kif fil-fatt għamlet – għax magħfusa bil-ħin. Kienet din il-pressjoni tal-ħin u mhux xi ftehim verbali mal-konvenuta illi kienet lesta temenda l-kitba – ftehim illi, jekk tassew sar, jidher li jrid jaqleb ta' taħt fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-Art. 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ[10] – li wasslet lill-attriċi biex tiffirma.

"L-attriċi ex admissis intebħet bil-qerq dakinhar stess illi l-konvenuta ippreżentatilha l-abbozz, u ntebħet "anke minn eżami superfiċjali" illi l-kitba ma kienitx taqbel mal-ftehim, iżda xorta kellha tiffirma għax magħfusa bil-ħin. Għalhekk, ukoll jekk jista' tassew jingħad illi kien hemm qerq, ladarba l-attriċi ntebħet bil-manuvra tal-konvenuta qabel ma iffirmat, il-qerq inkixef dakinhar stess, u l-preskrizzjoni bdiet tgħaddi minn dakinhar, i.e. mill-15 ta' Diċembru 2000.

"Il-kawża nfetħet fis-16 ta' Mejju 2003, aktar minn sentejn wara, u ma nġiebet ebda prova illi sar xi att li bih inkisret il-preskrizzjoni. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għalhekk għandha tintlaqa', u ma huwiex meħtieġ illi nqisu l-eċċezzjoni l-oħra tal-konvenuta.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-Art. 1222 tal-Kodiċi Ċivili u tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi billi dawn waqgħu bi preskrizzjoni.

"Tikkundanna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża."

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

[10] **114.** Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità.

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-22 ta' Decembru, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tannulla, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tas-socjeta` konvenuta u tordna illi l-atti tal-kawza jigu rimessi u rinvjati lill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

Is-socjeta` konvenuta resqet risposta ghar-rikors tas-socjeta` attrici fejn filwaqt li rriteniet li s-sentenza appellata hija gusta u korretta u timmerita li tigi kkonfermata talbet li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**Ikkunsidrat:**

Bejn il-kontendenti kienu saru trattativi sabiex is-socjeta` attrici tinhatar agent tas-socjeta` konvenuta fin-negozju ta' assigurazzjoni. Dawn it-trattativi gew konkluzi permezz ta' skrittura li giet iffirmata fil-15 ta' Dicembru, 2000. Is-socjeta` attrici tghid li din l-iskrittura, li giet redatta mis-socjeta` konvenuta u li giet iffirmata mis-socjeta` attrici f'cirkostanzi partikolari, specjalment minhabba l-ghaggla li kien hemm sabiex tigi prezentata lill-Malta Financial Services Authority, ma tirrispekkjax dak li kien gie miftiehem bejn il-partijiet waqt it-trattativi; u billi, skond is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta naqset milli tonora promessa li hija kienet ghamlet li jsiru l-emendi mehtiega fl-imsemmija skrittura, is-socjeta` attrici qeghda titlob li jigi dikjarat li diversi stipulazzjonijiet mahsuba fl-iskrittura ma jikkonformawx, ma' jew manifestament jivvjolaw dak, li kien gie miftiehem; konsegwentement li jigi dikjarat li l-iffirmar tal-istess skrittura mid-dirigenti tas-socjeta` attrici ma ghandux jitqies bhala manifestazjoni tal-kunsens izda li tali firem gew miksuba u indotti bil-qerq u frodi da parti tas-socjeta` konvenuta, u li ghalhekk il-Qorti ghandha tannulla u tirrexxindi dawk l-istipulazzjonijiet identifikati billi jigi dikjarat li dawn ma jirregolawx ir-rapport ta' bejn il-kontendenti, u taghti kull provvediment sabiex tirrendi

applikabbli bejn il-partijiet dawk l-istipulazzjonijiet illi gew originarjament miftehma bejniethom.

Is-socjeta` konvenuta eccepiet, *inter alia,* il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u li s-socjeta` attrici ma ghandhiex interess guridiku fit-talbiet minnha proposti.

Bis-sentenza fuq riportata l-ewwel Qorti laqghat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` attrici.

L-aggravju tas-socjeta` attrici jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-perjodu ta' preskrizzjoni ghandu jitqies illi jibda jiddekorri mid-9 ta' Ottubru 2001 kif mahsub fl-Artikolu 1223(1) tal-Kap. 16 u dan billi, skond l-istess socjeta` appellanti, l-assjem tal-fatti juru illi kien dakinhar – cioe` fl-gheluq it-tentattivi u d-diskussjonijiet dwar l-emenda tal-ftehim – illi ghandu jitqies illi "effettivament kien id-9 ta' Ottubru 2001."

Din il-Qorti, wara li ezaminat ir-rikors ta' l-appell u r-risposta tas-socjeta` konvenuta, ma tistax tikkondividi din is-sottomissjoni u dana principalment billi l-istess att promotur, cioe` c-citazzjoni, jidentifika d-data meta inkixef id-difett li, skond is-socjeta` attrici, kien jammonta ghall-eghmil doluz billi jinghad espressament hekk:

*"Billi hekk kif l-imsemmi abboz ta' ftehim gie kkonsenjat lis-socjeta` attrici – ffirmat u kompletat mid-dirigenti tas-socjeta` konvenuta – d-diretturi tas-socjeta` attrici innotaw, anke minn ezami superficjali tal-istess dokument maghmula minnhom minghajr assistenza legali, illi diversi stipulazzjonijiet inkluzi fl-istess abbozz ma kienux jikkonformaw ma' dak miftiehem bejn il-kontendenti u irrilevaw dan il-fatt lil Chairman tas-socjeta` konvenuta;"*

Isegwi li t-terminu ta' sentejn ghall-fini tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba l-allegat eghmil doluz da parti tas-socjeta` konvenuta kif kontemplat fl-Artikolu 1222 tal-Kap 16 ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-iffirmar tal-istess ftehim u cioe` il-15 ta' Dicembru, 2000.

Inoltre, anke jekk din id-data qed tigi kontestata mis-socjeta` attrici, jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li s-socjeta` attrici kienet konsapevoli tad-tibdiliet li qed tilmenta minnhom fl-iskrittura tal-15 ta' Dicembru, 2000 meta fit-2 ta' Jannar, 2001 [Dok 8 fol. 96 tal-process] il-Managing Diretor tas-socjeta` attrici kiteb lic-Chairman tas-socjeta` konvenuta fejn jinghad espressament hekk:

*"I am writing to you outlining major differences I have noticed when reading the Binding Authority Agreement presented to MFSC. I am highlighting these major differences hereunder and I must say that I was very disappointed to come across such changes from the final draft, which go against what was agreed in the subsequent meetings."*
Il-proceduri odjerni gew intavolati fis-16 ta' Mejju, 2003 u ghalhekk anke jekk id-data ta' din l-ittra kellha tittiehed bhala l-bidu effettiv tat-terminu preskrittiv, l-azzjoni hija wkoll preskritta bid-dekorriment tas-sentejn imsemmija.

Fir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici ssir referenza ghal xi gurisprudenza nostrana in sostenn tas-sottomissjonijiet hemm maghmula; biss jigi rilevat li dik il-gurisprudenza ma ghandha ebda relevanza ghall-kaz sotto ezami billi tirrigward r-rinunzja tal-preskrizzjoni meta jkunu qed isiru trattativi bejn partijiet billi fil-kaz in ezami ma jirrizulta ebda rinunzja da parti tas-socjeta` konvenuta, li ghal kuntrarju, dejjem sostniet li l-iskrittura tal-15 ta' Dicembru, 2000 kienet valida.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud, bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell jithallsu minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------